



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej: Il-Kummissjoni tirregistra l-inizjattiva "End the Cage Age"

Brussell, il-5ta' settembru 2018

Illum, il-Kulleġġ tal-Kummissarji ddeċieda li jirreġistra Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bl-isem "End the Cage Age".

L-objekti ddikjarati tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini huma li jintemm "it-trattament inuman tal-animali tar-razzett" li jinżammu fil-gaġeġ. L-organizzaturi qed jitkolbu lill-Kummissjoni tiproponi leġiżlazzjoni li tippojbixxi l-użu ta': gaġeġ għat-tiġieġ tal-bajd, fniek, għawwietaq, tiġieġ tat-snissi, tiġieġ tal-bajd riproduttivi, summien, papri u wiżże; gaġeġ tal-ħlas għall-ħnieżer nisa; mqajjal tal-ħnieżer nisa u mqajjal individwali għall-għoġġiela, fejn mhumiex digħà pprojbiti.

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirreġistra l-Inizjattiva tirrigwarda biss l-ammissibbiltà legali tal-proposta. Il-Kummissjoni ma analizzatx is-sustanza f'dan l-istadju.

Ir-reġistrazzjoni ta' din l-Inizjattiva se ssir fil-11 ta' Settembru 2018, u l-organizzaturi tagħha jibdew proċess ta' sena għall-ġbir ta' firem ta' appoġġ. Jekk l-inizjattiva tirċievi miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ fi żmien sena, minn tal-anqas seba' Stati Membri differenti, il-Kummissjoni jkollha tirreagħixxi fi żmien tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ssegwi din it-talba jew le, u fiż-żewġ ċirkustanzi tkun mistennija li tispjega r-raġunament tagħha.

Sfond

L-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej ġew introdotti permezz tat-Trattat ta' Lisbona u tnedew bħala għoddha li tistabbilixxi l-aġenda f'id-ejn iċ-ċittadini f'April 2012, mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej, li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

Ladarba tiġi rreġistrata formalment, Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tippermetti li miljun ċittadin minn mill-anqas kwart tal-Istati Membri tal-UE jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tiproponi att legali f'oqsma fejn il-Kummissjoni għandha l-poter li tagħmel dan.

Il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà, kif previsti permezz tar-Regolament dwar l-Inizjattiva, huma li l-azzjoni proposta ma tkunx taqa' manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali, li ma tkunx manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u li ma tmurx manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni.

Għal aktar informazzjoni

[It-test shiħi tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End the cage Age" proposta \(attiv mill-11 ta' Settembru\)](#)

[Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej oħrajn li attwalment qiegħdin jiġbru l-firem](#)

[Is-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej](#)

[Ir-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej](#)

[Il-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej](#)

IP/18/5521

Kuntatti mal-istampa:

[Natasha BERTAUD](#) (+32 2 296 74 56)

[Tim McPHIE](#) (+ 32 2 295 86 02)

[Kasia KOLANKO](#) (+ 32 2 296 34 44)

Mistoqsjiet ġenerali mill-pubbliku: [Europe Direct](#) bit-telefown fuq [00 800 67 89 10 11](#) jew bl - [e-mail](#)